MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## MICHAEL MALLIA

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2010

Appell Kriminali Numru. 176/2009

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Carmelo Vella**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fis-26 ta' Novembru, 2008, ghall-habta ta' 21.00 hrs, gewwa r-residenza 35, Tal-Grazzja, Triq il-Hmistax ta' Awwissu, Mosta, hedded lil martu Georgia Vella.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-20 ta' Mejju, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati w ikkundannatu ghal xahar prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-27 ta' Mejju, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka

s-sentenza appellata in kwantu sabitu hati ta' l-akkuza dedotta kontrih u kundannatu ghal xahar detenzjoni w konsegwentement tilliberah minn kull piena w htija skond il-ligi w f'kaz li din il-Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza appellata, l-appellant talab li tigi mposta piena aktar ekwa w gusta ghal kaz odjern.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant jikkonsistu fis-segwenti w cioe':-
Illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazina tal-fatti w interpretazzjoni hazina tal-ligi;
Illi dak inhar ta' l-allegat incident, ghalkemm huwa minnu li ftit tal-hin wara li dahal lura d-dar, kien hemm konversazzjoni bejn l-appellant u martu fir-rigward ta' certu pretensjonijiet li t-tnejn li huma qeghdin jivvantaw kontra xulxin fir-rigward tas-separazzjoni, l-appellant qatt ma hedded lil martu w wisq anqas ma uza certu kliem li jistghu jigu interpretati bhala theddida;
Illi l-kliem li skond martu ntqalu, ossia li l-appellant kien lest ihallas ghaxart elef lira ghax hu saghtejn biss jaghmel id-dar, apparti li ma jaghmlux sens, certament ma jammontawx ghal ebda forma ta' theddida w l-istess appellant ma jistax jifhem kif tali kliem gew interpretati mill-Qorti li jammontaw ghal theddida;
Illi ma kien hemm l-ebda theddid da parti tieghu, illi martu marret taghmel ir-rapport l-ghassa jumejn wara l-allegat incident u mhux ftit tal-hin wara;
Illi fir-rigward tal-fatt illi mart l-appellant marret u ghamlet ir-rapport jumejn wara, juri bic-car illi dak il-hin l-istess martu ma hassithiex mhedda w ir-rapport kien intiz biss sabiex jintuza fil-futur fl-eventwalita' li l-istess appellant ma jaccettax illi jhallas il-manteniment kif mitlub minn martu;
Illi biex ikun hemm it-theddid kif rikjest taht l-artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9, is-suggett attiv irid ikun qed jipprospetta bil-kliem, gesti jew b'mod iehor xi forma ta' hsara ingusta fil-futur anke jekk fil-futur immedjat lis-

suggett passiv, haga li certament kienet nieqsa fil-kaz in kwistjoni;
Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-piena ta' xahar detenzjoni hija eccessiva ferm u dan meta wiehed jikkonsidra l-fatt illi l-appellant ghandu kondotta nadifa.

Ikkunsidrat :

Din il-kawza tirrigwarda incident illi gara fit-26 ta' Novembru 2008 bejn il-parti civili Giorgia Vella w l-appellant Carmelo Vella. Dawn it-tnejn jidhru illi ghandhom pendenti proceduri ta' separazzjoni, izda hemm storja twila ta' inkwiet u theddid bejniethom. L-aktar konsegwenza tas-sokor u mgieba aggressiva tal-appellant. Dan gara fit-28 ta' Novembru 2008 fejn wara li kiel, hedded lill-martu illi kien lest ihallas ghaxart elef lira ghax l-appellant jaghmel saghtejn biss id-dar. Il-parti civili deherilha illi dina kienet theddida illi zewgha kien se jhallas lil xi hadd biex itemmilha hajjietha w ghalhekk marret taghmel rapport l-ghassa. Fuq dan ir-rapport il-Pulizija mexxew kontra l-appellant.

Ikkunsidrat :

Id-difiza argumentat illi dan id-diskors tal-appellant ma jistax jitqies bhala theddida fis-sens tal-ligi. Kien kliem li ntqal f'kuntest izolat u ma jistax jintrabat mal-preokkupazzjoni illi wriet il-parti civili.

Din il-Qorti pero' jidhrilha illi ma tistax tqies dawk il-kliem in izolatament.

L-incidenti kienu ilhom isiru bejn il-konjugi w kif xehedet il-parti civili kien hemm ukoll kliem ta' theddid ghal hajjitha fil-passat. Ghalhekk f'dan il-kaz il-Qorti trid tara kif il-parti civili fehemet il-kliem dak il-hin u, fil-kuntest tar-relazzjonijiet xejn facli illi kien hemm bejniethom, il-Qorti ma tiskanta b'xejn illi l-parti civili hasset dawk il-kliem bhala theddida ghall-hajjietha w li ghamlet sew illi marret tirraporta l-ghassa sabiex jigi evitat xi haga ghar.

Hemm x'hemm bejn il-konjugi, anki jekk hemm disgwid serju, dana ghandu jigi trattat b'mod civili w ma hemmx ghalfejn isir rikors ghal glied, ghajjat u theddid. Iz-zewg partijiet ghandhom access ghall-Avukat tal-fiducja taghhom illi jistghu b'sens ta' responsabbilita' w maturita' jiggwidawhom ghat-triq ta' soluzzjoni bonarja tal-kwistjonijiet illi hemm bejniethom.

Il-Qorti taht l-ebda cirkostanzi ma tista' tittollera kliem ta' abbuz fil-konfront ta' parti jew ohra . Jekk l-appellant jidhirlhu illi bhala ragel jista' jimponi b'forza l-volonta' tieghu fuq il-parti civili, bhala dik sokkombenti, din l-atitudni ghandu jbiddilha.

Il-parti civili jisthoqqilha l-protezzjoni kollha tal-Qorti li m'hihix sejjer tabdika' r-responsabbilita' taghha w ma taghtihilix u ghamlet sew l-Ewwel Qorti wara li semghet ix-xhieda illi tasal ghall-konkluzzjoni illi waslet ghaliha.

F'sitwazzjoni bhal din il-Qorti tal-Appell Kriminali ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti.

Bhal ma ghamlet l-Ewwel Qorti, l-Qorti tal-Appell Kriminali ghamlet apprezzament approfondiet tal-provi illi kellha quddiemha w tasal ghall-konkluzzjoni illi l-Ewwel Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni illi waslet ghaliha.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' w tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------